KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Jannar 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2007/716/KE rigward ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib fil-Bulgarija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8988)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/31/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/716/KE [2] tistabbilixxi miżuri tranżitorji għar-rekwiżiti strutturali ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib fil-Bulgarija previsti fir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 [3] u (KE) Nru 853/2004 [4] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sakemm dawk l-istabbilimenti jkunu fi tranżizzjoni, il-prodotti li joriġinaw minnhom għandhom jitqiegħdu biss fis-suq domestiku jew jintużaw għal aktar ipproċessar fi stabbilimenti Bulgari fi tranżizzjoni.

(2) Id-Deċiżjoni 2007/716/KE ġiet emendata mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2008/290/KE [5], 2008/330/KE [6], 2008/552/KE [7], 2008/678/KE [8] u 2008/828/KE [9].

(3) Skont dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Bulgara, ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib waqqfu l-attivitajiet tagħhom jew lestew il-proċess ta' aġġornament tagħhom u issa jinsabu f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Dawn l-istabbilimenti għalhekk għandhom jitnehħew mil-lista ta' stabbilimenti fi tranżizzjoni.

(4) L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/716/KE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/716/KE għandu jkun emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
[2] ĠU L 289, 7.11.2007, p. 14.
[3] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; ikkoreġuta bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.
[4] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; ikkoreġuta bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.
[5] ĠU L 96, 9.4.2008, p. 35.
[6] ĠU L 114, 26.4.2008, p. 94.
[7] ĠU L 178, 5.7.2008, p. 43.
[8] ĠU L 221, 19.8.2008, p. 32.
[9] ĠU L 294, 1.11.2008, p. 11.

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/716/KE huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjonijiet li jmiss għall-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-laħam huma mħassra:

Nru	Nru Veterinarju	Isem tal-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
"1.	BG 0101001	'Melnichen kombinat Rila STH' AD	gr. Blagoevgrad ul. 'V. Levski' 56
19.	BG 0401012	'Polikomers-SG' EOOD	s. Shemshevo obsht. V. Tarnovo
104.	BG 0602004	'Z i K' OOD	gr. Vratsa ul. 'Vasil Kanchov' 25
126.	BG 2202025	ET 'Takt-Asia Milanova'	gr. Sofia obsht. Lyulin ul. 'Obelsko shose' 11
260.	BG 1204008	ET 'Petar Parvanov - Demetra'	gr. Lom ul. 'Belogradchishko shose' 1
283.	BG 1604014	'Elko' OOD	gr. Plovdiv ul. 'Brezovsko shose' 170
355.	BG 2504001	ET 'Stezis'	gr. Omurtag Promishlena zona"

(2) L-annotazzjonijiet li jmiss għall-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib huma mħassra:

Nru	Nru Veterinarju	Isem tal-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
"16.	BG 1512033	ET 'Voynov-Ventsislav Hristakiev'	s. Milkovitsa obsht. Gulyantsi
39.	BG 2312036	ET 'Rosen Deyanski-DEYA'	s. Opitsvet, obsht. Kostinbrod
50.	BG 1612020	ET 'Bor-Chvor'	s. Dalbok izvor obsht. Parvomay
60.	BG 2812003	'Balgarski yogurt' OOD	s. Veselinovo, obl. Yambolska
110.	1612013	'Polidey - 2' OOD	s. Domlyan
171.	2412019	'Dekada' OOD	s. Elhovo obsht. Stara Zagora
205.	BG 2218045	'El-Em-Impeks' EOOD	gr. Sofia Kv. Gorna bania"